**272. Il-Ministru tal-Finanzi l-Onor. George Bonello du Puis jipproponi:**

Illi billi skont l-Artiklu 23(3) tal-Att tal-1967 dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, b'seħħ mis-sena 1985 u f'intervalli ta' ħames snin wara, il-Ministru tal-Finanzi għandu jagħmel proposta dwar x'għandu jsir mill-bilanċ ta' debitu jew kreditu fil-Kont ta' Rivalutazzjoni fl-aħħar tas-sena ta' qabel u għandu jieħu ħsieb li dawk il-proposti jitqiegħdu quddiem il-Kamra tad-Deputati mhux aktar tard mill-ewwel seduta tal-Kamra wara t-30 ta' April tas-sena li fiha jsiru l-proposti, flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova l-imsemmija proposti.

U billi f'dan il-Kont ta' Rivalutazzjoni hemm bilanċ ta' debitu ta' Lm 8,600,000 (Tmien miljuni u sitt mitt elf liri Maltin) fit-tmiem tal-1990: il-Ministru tal-Finanzi jipproponi li l-Kamra tapprova li perċentwali tal-profitti tal-Bank Ċentrali kull sena mis-sena 1991 sal-1985 għandhom jitkomplu jiġu utilizzati biex jagħmlu tajjeb għal dan id-debitu. Din il-perċentwali tiġi ffissata wara konsultazzjoni bejn il-Bank Ċentrali u l-Ministru tal-Finanzi u tiġi nnotata fl-Accounts tal-Bank Ċentrali.

01.03.1991